**Taqsima Ċ: Lingwa**

Wieġeb l-eżerċizzji **kollha** li ġejjin. Din it-taqsima fiha **20 marka**.

1. Qiegħed dawn is-sentenzi fin-negattiv:

   a) It-tifel tiegħi mar ix-xogħol.
   b) Oħti kienet xtrat libsa ġdida.
   ċ) Il-karozza wasslitu sal-Belt Valletta.
   d) Xandru ntebaħ li kellu ħwejġu maħmuġin.
   e) Intom kontu mortu tarawh l-isptar? **(10 marki)**

2. Agħżel it-tajba mill-kelmiet li ssib fil-parentesi:

   a) San Pawl qal li t-(tama, tama', tgħama) l-aħħar li tmut.
   b) Waqgħu żewġ (ġebla, ġebel, ġebliet) minn fuq il-bejt.
   ċ) Il-president qal (kliem, kelmtejn, kelmiet) qabel fetaħ il-wirja.
   d) Kien fitt u sab ix-(xagħri, xagħra, xagħriet) fl-għaġina.
   e) (Min, Min-, Minn) minnkom jaf jilgħab il-boċċi? **(10 marki)**

**Total: 100 marka**

**TMIEM TAL-KARTA**



DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET
IL-MALL, TRIQ SARRIA, IL-FURJANA, MALTA

## Eżami għall-Post ta' *Security Guard* fil-Ministeru għas-Saħħa

**Suġġett:** **Il-Malti**

**Data:** **Il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru 2019**

**Ħin:** **09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)**

**Din il-karta tal-eżami fiha TLIET taqsimiet. Il-kandidati huma mitluba li jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA u li jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. It-tweġibiet KOLLHA jridu jinkitbu fuq l-iskritt ipprovdut.**

## Taqsima A: Komponiment

Agħżel titlu minn dawn li ġejjin u ikteb madwar **200 kelma** dwaru. Agħmel attenzjoni għall-ortografija, bini ta' frażijiet u sentenzi u tqassim tal-komponiment. Din it-taqsima fiha **40 marka**.

a) "Malli stenbaħt u rajt li ħarġet ix-xemx wara tant jiem ta' xita, qomt niġri mis-sodda u ..." Kompli r-rakkont.

b) Iddeskrivi bajja f'Għawdex f'ġurnata mill-aqwa tas-sajf.

ċ) Persuna li kont tħobb u li llum, għal xi raġuni jew oħra, m'għadhiex miegħek.

d) Episodju f'ħajtek li ħalla effett qawwi fuqek.

e) It-turisti u l-festi titulari fl-irħula tagħna.

f) X'taħseb li huwa l-irwol ewlieni tal-NGOs f'pajjiż demokratiku?

**(40 marka)**



## Taqsima B: Taħriġ il-Fehem

Aqra sew din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet li jsegwu. Din it-taqsima fiha **40 marka**.

Kulħadd għandu l-'Birthday' tiegħu. Għal kull wieħed minna, jum fost il-jiem kollha tas-sena, jingħażel għal rasu bħala Jum Twelidna. Hemm min dan il-jum lanqas jaħseb fih u hemm min jiċċelebrah b'xemgħa għal kull sena fuq il-kejk, għall-anqas sakemm in-numru tax-xama' ma jkunx hekk kbir li wieħed jibda jitmeżmeż min-numru u ma jkunx irid jiftakar fih iżjed. Debulizzi umani.... Imma fil-25 ta' Diċembru ta' kull sena jiġi jum akbar fost il-jiem kollha għax huwa Jum Twelid Sidna Ġesu` Kristu. Dan hu l-jum li la żgħażagħ u lanqas xjuħ ma jixtiequ jinsew għaliex fih jinstemgħu l-Anġli jkantaw għal darb'oħra: "Paċi fl-art lil nies ta' rieda tajba.". Dan il-kliem tal-Anġli jiddi f'lożor ta' dija li jinfirxu fuqna minn ġos-smewwiet. U l-paċi tidħol fil-qalb ta' dawk kollha li jaraw fil-Milied il-fidwa tal-bniedem mill-ħakma ta' Satana u radd tal-ħaqq u l-ħniena lill-morda, lill-maħqurin, lill-imżebilħin, lill-mirfusin, lill-mormijin, lill-ikkaljunati, lill-misruqin u lil dawk kollha li jġarrbu xi kefrija. Mingħajr ma kien ħaqqhom.

**Il-mistoqsijiet:**

a) Agħti titlu lil din is-silta. **(5 marki)**

b) X'kellu f'moħħu l-awtur meta f'din is-silta kiteb "kulħadd għandu l-birthday tiegħu"? **(5 marki)**

ċ) Semmi persuna importanti li l-'Birthday' tagħha jiġi fil-25 ta' Diċembru. **(5 marki)**

d) X'taħseb li jfissru x-xemgħat li jitpoġġew fuq il-"Birthday cake"? **(5 marki)**

e) Taħseb li kulħadd jiċċelebra l-'Birthday' tiegħu bil-kbir, skont l-awtur ta' din is-silta? **(5 marki)**

f) X'ifissru dawn il-kelmiet li nsibuhom f'din is-silta:

ħakma

jitmeżmeż

fidwa

ħniena

maħqurin. **(5 marki)**

ġ) Ikteb sentenza b'waħda minn dawn il-kelmiet:

kefrija

Paċi

Milied. **(5 marki)**

ħ) Agħti l-opinjoni tiegħek dwar il-Milied. **(5 marki)**

**(40 marka)**